**19 ta' Ottubru, 1992**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Il-Qorti

*versus*

Nazzareno Bartolo

## Disprezz għall-Awtorità tal-Qorti – Oppożizzjoni għall-Esekuzzjoni ta' Mandat

*Il-proċedura li biha qorti tikkundanna għal disprezz lil min jagħmel oppożizzjoni għall-esekuzzjoni ta' mandat billi jirreżisti lill-Marixxall ma hix kontemplata mill-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*

*Huwa biss il-kreditur li fuq talba tiegħu nħareġ il-mandat, u mhux il-qorti, li għandu interess imexxi proċedura bħal dik.*

Il-Qorti: – Ikkunsidrat:

Is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Ċivili, Prim'Awla ta' l-4 ta' Diċembru, 1990 tgħid: –

"Billi rriżulta li fl-14 ta' Diċembru 1989 il-konvenut għamel oppożizzjoni lill-Marixxal Salvu Farrugia meta dan mar jesegwixxi l-Mandat ta' Qbid numru 1744/89 fl-ismijiet **Emanuel Tonna *vs* Nazzareno Bartolo,** u minħabba dik l-oppożizzjoni dik l-esekuzzjoni ma saritx;

U billi b'dan il-mod il-konvenut kiser l-artikolu 279 Kap. 12 jinsab ħati ta' disprezz għall-awtorità tal-Qorti;

Rat l-artikolu 997 Kap. 12;

Tikkundanna lill-konvenut għal ħmistax-il ġurnata detenzjoni";

L-intimat appella għaliex (a) Salvu Farrugia ma kellux dritt li jesegwixxi mandat inkwantu huwa ma kienx Marixxal ta' dawn il-Qrati iżda kien Messaġġier, meta mar bil-mandat. Sussegwentement, fil-mori ta' l-appell l-intimat eċċepixxa li l-proċedura adottata fl-ewwel grad mhix kontemplata mill-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u għalhekk il-proċediment kollu huwa rritwali u għalhekk null;

Din il-Qorti taqbel ma' din l-aħħar sottomissjoni. *Di più*, fil-mori ta' l-appell, l-intimat wera li huwa minn dak iż-żmien 'l hawn, kien issodisfa lill-kreditur tiegħu. U din il-persuna kellha l-interess li tippromouvi l-azzjoni preżenti u mhux il-Qorti;

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti qed tannulla l-proċediment. L-ispejjeż però, fi kwalunkwe każ iridu jitħallsu dejjem mill-intimat għaliex "il-Qorti" la tista' **tagħmel** u lanqas **tbati** spejjeż.